26.9.2011 B7-0523/1

**Emenda 1**
**Ulrike Lunacek, Barbara Lochbihler, Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B7-0523/2011**
**PPE, S&D, ALDE, ECR, Verts/ALE, GUE/NGL**
Id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Ifakkar li s-Sett ta' Miżuri għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha minn Persuni LGBT tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-UE jsemmi d-dekriminalizzazzjoni tal-omosesswalità fid-dinja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bħala prijoritajiet ewlenin; hu tal-fehma li r-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri għandhom iħaddnu dawn il-prijoritajiet b'mod sistematiku fir-relazzjonijiet barranin tagħhom; | 7. Ifakkar li s-Sett ta' Miżuri għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha minn Persuni LGBT tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-UE jsemmi d-dekriminalizzazzjoni tal-omosesswalità fid-dinja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bħala prijoritajiet ewlenin; hu tal-fehma li r-Rappreżentant Għoli, ***l-istituzzjonijiet kollha tal-UE*** u l-Istati Membri għandhom iħaddnu dawn il-prijoritajiet b'mod sistematiku ***kemm domestikament kif ukoll*** fir-relazzjonijiet barranin tagħhom; |

Or. en

**Emenda 2**
**Ulrike Lunacek, Barbara Lochbihler, Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0523/2011**
**PPE, S&D, ALDE, ECR, Verts/ALE, GUE/NGL**
Id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex bi sħab ma' pajjiżi terzi jkomplu jippromwovu *id-drittijiet* tal-bniedem relatati mal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru permezz ta' djalogi bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem ***u*** l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR); | 10. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex bi sħab ma' pajjiżi terzi jkomplu jippromwovu *d-drittijiet* tal-bniedem relatati mal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru permezz ta' djalogi bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem***,*** l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) ***u strumenti finanzjarji esterni oħra***; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 3**
**Ulrike Lunacek, Barbara Lochbihler, Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0523/2011**
**PPE, S&D, ALDE, ECR, Verts/ALE, GUE/NGL**
Id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jiddispjaċih li d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gej, bisesswali u *transesswali* għadhom mhumiex qed jiġu rispettati bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea, fosthom id-dritt tal-integrità fiżika, id-dritt tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, id-dritt tal-libertà tal-għaqda, id-dritt tan-nondiskriminazzjoni, id-dritt tal-libertà tal-moviment u d-dritt għall-asil; | 11. Jiddispjaċih li d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gej, bisesswali u *trans* għadhom mhumiex qed jiġu rispettati bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea, fosthom id-dritt tal-integrità fiżika, id-dritt tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, id-dritt tal-libertà tal-għaqda, id-dritt tan-nondiskriminazzjoni, id-dritt tal-libertà tal-moviment***, inkluż id-dritt ta' moviment liberu għal koppji tal-istess sess u l-familji tagħhom*** u d-dritt għall-asil; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 4**
**Ulrike Lunacek, Barbara Lochbihler, Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0523/2011**
**PPE, S&D, ALDE, ECR, Verts/ALE, GUE/NGL**
Id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jiddispjaċih li d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gej, bisesswali u *transesswali* għadhom mhumiex qed jiġu rispettati bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea, fosthom id-dritt tal-integrità fiżika, id-dritt tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, id-dritt tal-libertà tal-għaqda, id-dritt tan-nondiskriminazzjoni, id-dritt tal-libertà tal-moviment u d-dritt għall-asil;99 | 11. Jiddispjaċih li d-drittijiet tal-persuni leżbjani, gej, bisesswali u *trans* għadhom mhumiex qed jiġu rispettati bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea, fosthom id-dritt tal-integrità fiżika, id-dritt tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt tal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, id-dritt tal-libertà tal-għaqda, id-dritt tan-nondiskriminazzjoni, id-dritt tal-libertà tal-moviment***, id-dritt ta' aċċess għal kura tas-saħħa preventiva u li wieħed jibbenefika minn trattament mediku*** u d-dritt għall-asil; |

Or. en

26.9.2011 B7-0523/5

**Emenda 5**
**Ulrike Lunacek, Barbara Lochbihler, Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B7-0523/2011**
**PPE, S&D, ALDE, ECR, Verts/ALE, GUE/NGL**
Id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jitlob lill-Istati Membri ***u*** lill-Kummissjoni jindirizzaw dawn l-inugwaljanzi b'mod sħiħ; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproduċi pjan direzzjonali komprensiv kontra l-omofobija, it-transfobija u d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentament sesswali u identità tal-ġeneru; | 13. Jitlob lill-Istati Membri**,** lill-Kummissjoni ***u lis-SEAE*** jindirizzaw dawn l-inugwaljanzi b'mod sħiħ; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproduċi pjan direzzjonali komprensiv kontra l-omofobija, it-transfobija u d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentament sesswali u identità tal-ġeneru; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

26.9.2011 B7-0523/6

**Emenda 6**
**Ulrike Lunacek, Barbara Lochbihler, Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0523/2011**
**PPE, S&D, ALDE, ECR, Verts/ALE, GUE/NGL**
Id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-Nazzjonijiet Uniti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa biex ineħħu d-diżordnijiet tal-identità tal-ġeneru mil-lista ta' diżordnijiet mentali u tal-imġiba, u biex jiżguraw riklassifikazzjoni li ma tqishomx bħala patoloġiji fin-negozjati dwar il-ħdax-il verżjoni tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD-11);*** |

Or. en